# Il-Vara tal-Madonna tal-Karmnu tiftaħ katina ta' Pellegrinaġġi Marjani Ottubru 1960

F'Ottubru 1960, fil-Belt Valletta kienu saru numru ta' pellegrinaġġi Marjani li bosta gazzetti irrapurtaw l-attendenza kbira ta' devoti li kienu ġabru. L-ewwel minn dawn il-pellegrinaġġi kellu fil-qofol tiegħu l-vara devota tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, li sar t-Tnejn 10 t'Ottubru, mis-Santwarju sal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Fis-17 ta' Mejju, l-Isqof ta' Leiria, Fatima, għamel appell lill-Isqfijiet tad-dinja kollha biex il-fidili tagħhom jissieħbu bit-talb u bil-penitenza fit-tifkira tal-aħħar derha ta' Fatima li saret fit-13 t'Ottubru 1917. Skond il-Berqa tal-10 t'Ottubru 1960;

*"Il-ħsieb ta' dan it-talb speċjali, qalilna l-Isqof ta' Leiria, huwa sabiex id-dinja u b'mod speċjali r-Russja, tkun tista terġa' lura mill-ħażen li qed jimlieha u wkoll mill-persekuzzjoni ta' qsim il-qalb tal-Knisja".*



*Il-Komunita' Karmelitana waqt l-pellegrinaġġ lejn il-Kon-Katidral ta' San Ġwann*

Il-Pellegrinaġġ kien telaq mis-Santwarju fl-4.30pm, għall Kon-Katidral ta' San Ġwann. Quddiem il-vara kienu mxew l-irġiel, flimkien ma' membri tal-Konfraternitajiet u l-Patrijiet Karmelitani filwaqt li wara l-vara, kif kien isir f'pellegrinaġġi simili kienu mxew n-nisa. Fl-aħħar tal-pellegrinaġġ ingħad ir-Rużarju, saret priedka minn Patri Franġisk Grech O.C. u Benedizzjoni.

It-Times of Malta fil-11 t' Ottubru 1960 irrapurtat hekk;



*Il-Vara tal-Madonna tal-Karmnu fi Strada Irjali.*

*"Hundreds of people walked in a pentitential pilgrimage in Valletta yesterday enevning, when the statute of Our Lady of Mount Carmel was carried along the streets in the evening twilight to the Co-Cathidral of St.John. The procession was in connection with the appeal made by His Grace the Archbishop following the receipt of a call of prayers and penance by the Archbishop of Leiria as a prelude to the commemoration of the last apparition, of Our Lady of the Rosary at Fatima".*

Hekk kif spiċċa il-pellegrinaġġ il-vara idaħħlet fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Din kienet okkażżjoni specjali għall-Karmelitani kollha għaliex din kienet l-ewwel darba li vara ddaħħlet f'din il-Knisja. Filfatt it-Times of Malta irrapurtaw hekk;

*"This was one of the rare occasions when a procession with a statue was allowed to enter St. John's Cathedral."*

L-Għada, nhar il-11 t'Ottubru kien sar pellegrinaġġ simili mill-Knisja tal-Porto Salvo bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju filwaqt li fit-12 t' Ottubru kien sar pellegrinaġġ bil-vara devota tad-Duluri mill-Knisja ta' Ġiezu' tal-Belt. Wara dan il-pellegrinaġġ kienet saret lejla ta' talb u penitenza quddiem Ġesù Sagramentat fejn f'nofs il-lejl ħarget quddiesa u b'hekk ġew fi tmiemhom dawn it-tlett ijiem ta' talb.

Kien jixraq ħafna illi f'dawn il-pellegrinaġġi



*Il-Wasla tal-vara fuq San Ġwann mdawra b'ġemgħa sabiħa ta' devoti.*



*Il-Vara fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fi tmiem il-Pellegrinaġġ.*

jieħdu sehem xbiehat tal-Madonna tal-Karmnu kif ukoll ta' Marija Addolorata, flimkien mal-istatwa tar-Rużarju. Ġo Fatima, il-Madonna uriet l-importanza tat-talba tar-Ruzarju, u għalhekk bi tlett derhiet suċċessivi riedet turi il-misteri tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja. Il-misteri tal-ferħ kienu irrappreżentati bid-derha tal-Familja Imqaddsa, tat-tbatija, bid-derha tal-Addolorata u l-Misteri tal-gloria bid-derha tal-Madonna tal-Karmnu. Kif tirraporta il-Berqa fl-10 t'Ottubru:

*"Billi l-hekk imsejħa l-Għolja tal-Karmelu hija miżmuma bħala art mistika ta' kontemplazzjoni l-iktar għolja u aħna għandna t-tama li wara l-ferħ u d-duluri ta' din l-art għad ikollna x-xorti illi fis-sema nikkontemplaw is-sbuħija eterna li fiha daħal Kristu wara li irxoxta u tela' is-sema u li fiha daħlet ukoll Marija wara li ġiet imtella' is-sema bir-ruħ u l-ġisem u hemmek inkurunata, it-titlu tal-Madonna tal-Muntanja tal-Karmelu tfisser tajjeb il-misterji glorjużi tar-Rużarju".*

Għalhekk il-vara tal-Madonna tal-Karmnu kif ukoll il-vara ta' Marija Addolorata fetħu u għalqu dawn il-pellegrinaġġi, żewg vari li għadom fiċ-ċentru tad-devozzjoni Marjana fid-Djoċesi tagħna.

Referenzi:


*Penitential Pilgrimages*, Times of Malta, Wednesday October 12 1960 pg 9.
*Malta twieġeb għall-appell tal-Isqof ta' Fatima*, Leħen is-Sewwa, il-5 t'Ottubru 1960 pg 4.
*Pellegrinaġġ ta' Penitenza*, il-Berqa, l-Erbgħa 12 t'Ottubru 1960 pg 1.
*Nagħtu widen lill-appell ta' l-Isqof ta' Leiria*, il-Berqa, it-Tnejn 10 t'Ottubru 1960 pg 3.



